

**Domandi preliminari**

(1) Il-kunċett ta' "kumpens ġust" previst fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE <sup>(1)</sup> huwa kunċett Komunitarju ġdid li għandu jiġi interpretat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea?

(2) Fil-każ li r-risposta għal-ewwel domanda tkun fl-affermattiv

2.1. Fil-każ li jkun hemm sistema nazzjonali ta' remunerazzjoni ġusta għal ikkuppjar privat qabel ma tkun daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2001/29/KE, għandhom id-dispożizzjonijiet nazzjonali jiġu interpretati "b'mod konformi" mal-kunċett ġdid ta' "kumpens ġust" għal ikkuppjar privat wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija Direttiva 2001/29?

2.2. Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni għal ikkuppjar privat previst fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva kif ukoll il-kriterji li jinsabu fil-ħamsa u tletin premessa tad-Direttiva sabiex jiġi ddeterminat it-tagħmir suġġett għall-ħlas tal-kumpens ġust u l-ammont ta' dan?

F'każ affermattiv, huwa konformi mal-kunċett Komunitarju ta' "kumpens ġust għal ikkuppjar privat" (a) li jiġi stabbilit obbligu ta' ħlas tal-kumpens fir-rigward ta' tagħmir intiż għal finijiet personali u professjonali minbarra l-"ikkuppjar privat" u/jew (b) li jiġi stabbilit ammont fiss li ma jhux inkunsiderazzjoni la l-użu tat-tagħmir għal finijiet ta' ikkuppjar privat u lanqas tad-dannu li jista' jirriżulta minn dan l-użu, filwaqt li jiġu suġġetti wkoll għall-ħlas tal-kumpens is-sitwazzjonijiet li fihom ma hemmx dannu jew id-dannu jkun minimu?

2.3. Hija konformi mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, sistema li, filwaqt li tistabbilixxi limitu għal ikkuppjar privat, timponi obbligu ġenerali ta' ħlas tal-kumpens ġust għal kategoriji speċifiċi ta' tagħmir jew aċċessorji (pereżempju s-CDs tal-informatika rreġistrabbli CD-R u DVD-R tad-data), indipendentement mill-fatt li dawn ikunu nxtraw minn individwi għal użu privat jew minn individwi għal użu professjonali, sabiex jipproduċu jew iżommu l-informazzjoni tagħhom stess jew sabiex jissodisfaw obbligi legali, jew minn persuni ġuridiċi li fl-ebda każ ma jibbenefikaw mill-eċċezzjoni għal ikkuppjar privat?

(3) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv

3.1. Dan ifisser li l-Istati Membri jibqgħu kompletament liberi li jstabbilixxu l-kriterji u l-mekkaniżmi li jiddeterminaw it-tagħmir li jkun suġġett għall-ħlas tal-kumpens ġust għal ikkuppjar privat u kif ukoll l-ammont ta' dan jew jeżistu ċerti limiti għal din il-libertà u, jekk ikun il-każ, liema huma dawn il-limiti?

3.2. Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom id-dritt jawtorizzaw terzi privati li jirċievu l-kumpens għal xogħlijiet

li jkunu ġew volontarjament assenjati b'mod gratuwitu lil soċjetà mill-awturi tagħhom, permezz ta' liċenzji, jew jeżistu ċerti limiti għal dan id-dritt u, jekk ikun il-każ, liema huma dawn il-limiti?

3.3. Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom id-dritt jawtorizzaw terzi privati li jipperċepixxu l-kumpens minn utenti meta dawn tal-aħħar josservaw regola ta' applikazzjoni ġenerali ġuridikament vinkolanti jew jeżistu ċerti limiti għal dan id-dritt u, jekk ikun il-każ, liema huma dawn il-limiti?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni ĠU L 167, p. 10

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundessozialgericht (il-Ġermanja) fit-2 ta' Ottubru 2009 — Joao Filipe Da Silva Martins vs Bank Betriebskrankenkasse — Pflegekasse**

**(Kawża C-388/09)**

(2009/C 312/31)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundessozialgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Joao Filipe Da Silva Martins

Konvenut: Bank Betriebskrankenkasse — Pflegekasse

**Domanda preliminari**

Huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju primarju u/jew sekondarju tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-moviment liberu u tas-sigurtà soċjali ta' ħaddiema migranti (b'mod partikolari l-Artikoli 39 u 42 KE, kif ukoll l-Artikoli 27 u 28 tar-Regolament Nru 1408/71 <sup>(1)</sup>) li ex ħaddiem li jirċievu pensjoni kemm mill-Istat ta' oriġini kif ukoll mill-ex Stat ta' impjeg u li, minħabba bżonn ta' assistenza, ikun kiseb allowance għall-kura fl-ex Stat ta' impjeg, jitlef dan id-dritt wara li jirritorna fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 05, Volum 01, p. 35)